MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 130/2012

**Rimus Trading Agency Limited
(C 20020)**

**vs**

**Palm Court Limited
(C 2677)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-13 ta’ April 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ sitt t’elef, mitejn u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€6,280.28) rapprezentanti bejgh ta’ merkanzija mitluba mis-socjeta konvenuta u moghtija mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li rappresentant taghha huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar, w il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar fil-11 ta' April 2013, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 11 ta' April 2013.

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-14 ta' Mejju 2013 u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar it-18 ta' Mejju 2013.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2013 rapprezentant tas-socjeta konvenuta gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt t'elef, mitejn u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€6,280.28) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------